MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 20a

23 ta' Diċembru 2025

Minuti tal-ewwel parti tas-seduta Nru. 20 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 23 ta' Diċembru 2025 fl-4.00 pm.

### Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti minbarra l-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri li kien skużat minħabba raġunijiet ta' safar, il-Kunsillier J. Buttigieg li kien skużat minħabba raġunijiet ta' mard u l-Kunsillier R. Bartolo Cutajar li kienet skużata minħabba raġunijiet ta' safar.

Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin irreġistrat il-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

### Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku G. Micallef.

### Minuti

Il-minuti tas-Seduta Nru.19 li saret fis-26 ta' Novembru 2025, ġew approvati mingħar korrezzjonijiet.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Ħlasijiet tal-Kontijiet tal-ARMS Ltd fl-uffiċini tal-Kunsilli Lokali (K/1/3/Vol III)

2.1.2. Is-Sindku għarraf li s'issa ma kienx hemm żviluppi fuq din il-materja.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Korsijiet tal-Ewwel Għajnuna fl-uffiċċju tal-Kunsill (E/3/1 Vol III)

2.2.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li b'referenza għall-minuta 2.2.1 tas-seduta preċedenti dwar il-kors tal-Ewwel Għajnuna, il-ħsieb huwa li jibda f'Jannar 2026.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1 Il-Ħarġiet Kulturali (A/5/3/Vol XVI)

2.3.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-ħarġa kulturali li kellha ssir nhar it-3 ta' Diċembru 2025 fil-Mużew tax-Xierfa ġiet posposta minħabba li f'Diċembru jkun hemm ħafna attivitajiet differenti għaddejjin.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.4.1 Il-Pulizija tal-Komunità fil-Mellieħa (P/9/4)

2.4.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-laqgħa mal-Pulizija tal-Komunità saret nhar il-Ħamis, 27 ta' Novembru 2025.

2.4.3. Is-Sindku qal li matul din il-laqgħa ġew diskussi primarjament:

(i) Jum il-Kunsill 2025 li ser isir fil-11 ta' Diċembru 2025;

(ii) Milied Mellieħi 2025 li ser isir bejn id-19 u l-21 ta' Diċembru 2025 – u l-possibiltà li l-Ħadd filgħodu jipparteċipaw d-Dipartiment tal-Pulizija u d-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili;

(iii) Is-sewqan eċċessiv fi Triq Għajn Żejtuna u fi Triq il-Qortin – ġie mgħarraf li l-Kunsill bagħat ittra lir-residenti kollha ta' dawn iż-żewġ toroq biex jara x'inhi l-fehma tagħhom dwar l-introduzzjoni ta' sleeping policemen u bollards. Mill-feedback li l-Kunsill irċieva jidher li l-maġġoranza tar-residenti huma favorevoli u qed jaqblu mal-kunċett;

(iv) Is-sorveljanza tal-Pulizija fejn l-iskejjel – ġie mgħarraf li qed ikun hemm sorveljanza minn Pulizija wieħed mal-iskola primarja fi Triq Edward Camilleri, wieħed fi Triq Ġuże' Flores u ieħor fi Triq Selmun;

(v) L-introduzzjoni ta' camera tas-sigurtà fi Triq il-Miżieb - li ser teħel dalwaqt;

(vi) L-introduzzjoni ta' cameras tas-sigurtà fil-Manikata – fejn ġie mgħarraf li l-inġinier qed jagħmel ir-rapport tekniku fuq l-offerti li saru;

(vii) L-introduzzjoni ta' cameras tas-sigurtà f'Santa Maria Estate – li ser ikunu nklużi fil-Budget tal-Kunsill għas-sena 2026;

(viii) Il-pjan t'emerġenza f'każ ta' inċident fit-Telgħa ta' Selmun – ħa tintbagħat tfakkira;

(ix) Il-hillclimb li saret f'Novembru 2025 – il-Kunsill irringrazzja lill-Pulizija tal-Komunità għall-kollaborazzjoni u koperazzjoni. Sar suġġeriment sabiex sena oħra jkun hemm uffiċjali ta' Transport Malta wkoll fejn ir-roundabout ta' fejn Wellbees Supermarket.

2.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.5.1 'Young Engineers STEM Activities' fil-Mellieħa (A/5/3/Vol XVI)

2.5.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li għamlet kuntatt ma' Young Engineers Team Malta dwar il-possibiltà li l-Kunsill joffri din l-opportunità u jintroduċi l-'Young Engineers Stem Activities' fil-Mellieħa.

2.5.3. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li dawn is-sessjonijiet huma bi ħlas ta' €140 kull tifel/tifla kull term. Għal dan il-għan, hija ssuġġerita li l-Kunsill għandu l-ewwel jara jekk hemmx ġenituri interessati li jibagħtu lit-tfal tagħhom għal dawn is-sessjoni, imbagħad jipproċedi minn hemm.

2.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel ma' din il-proposta.

## 2.6.1. Sessjoni "Aqra Miegħi" fl-Irziezet ta' Selmun (E/3/1/14)

2.6.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li s-sessjonijiet ta' 'Aqra Miegħi' fl-irziezet ta' Selmun ser jieqfu matul ix-xahar ta' Diċembru 2025 u jerġgħu jibdew is-sena d-dieħla.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. Niftakru fl-Anzjani fil-Milied 2025 (A/1/1/Vol III )**

2.7.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li fl-20 ta' Diċembru 2025, il-Kunsill qassam poinsettia lir-residenti tad-Dar Residenzjali Madonna tal-Mellieħa u dawk li jattendu ċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa fl-okkażjoni tal-festi tal-Milied u tal-Ewwel tas-Sena.

2.7.3. Hija qalet li l-anzjani apprezzaw ħafna dan il-ġest.

2.7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**3.1.1. Proġett Ġnien fi Triq Mons. Ġużeppi Schembri/Etna/Għasel (P/4/27)**

3.1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf l-Perit kien qed jistenna l-go ahead tal-Kunsill sabiex jissottometti l-applikazzjoni biex ikun hemm bidla fl-ischeme alignment bil-għan li jiġi evitat li t-triq tidjiq. Huwa qal li l-Kunsill ta l-go ahead tiegħu u l-Perit għandu jaħdem fuq il-pjanti riveduti sal-aħħar ta' din is-sena.

3.1.3. Is-Sur E. Bartolo qal l-Kunsill għandu jibqa' jinsisti li Triq Mons. F. Xuereb għandha żżomm il-wisa' li għandha fil-preżent.

3.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.2.1. Sotto Kumitat – Diżabilità u Inklużjoni (K/2/54)**

3.2.2. Il-Kunsillier J. Cauchi fakkar li l-Espressjoni t'Interess għal dawk il-persuni li jixtiequ jiffurmaw parti mis-Sotto Kumitat Diżabilità u Inklużjoni ser toħroġ f'Jannar 2026.

3.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.3.1 Kollaborazzjoni bejn il-Kunsilli Lokali u l-Iskejjel Primarji 'Eko Skola' (A/4/5/Vol IV)**

3.3.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li nhar l-Erbgħa 17 ta' Diċembru 2025, huwa flimkien mal-Kunsilliera L. Darmanin iltaqgħu mas-Surmast tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa u l-għalliema u t-tfal tal-grupp EkoSkola fi ħdan l-istess skola. Huwa qal li s-suġġett tal-laqgħa kien primarjament dwar il-premju rikonoxximent għal dik l-iskola li tniedi inizjattivi, tieħu deċiżjonijiet u azzjoni favur l-ambjent.

3.3.3. Is-Sindku qal li l-iskola primarja tal-Mellieħa ser tiffoka fuq il-Park tal-Familja u t-tfal bdew jaħdmu fuq ideat bħal taħwil ta' siġar u bejtiet għall-għasafar. Huwa qal li l-Kunsill jista' jara fejn u kif jista' jgħin f'dan il-proġett.

3.3.4. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li l-Kunsill tat-Tfal tal-Mellieħa ser ikun qed jagħti s-sehem tiegħu ukoll.

3.3.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**4.0. Tqegħid ta' karti**

- Minuti tal-Bord ta' Rakkomandazzjoni dwar l-Għoti tal-Onorefiċenzi 'Ġieħ il-Mellieħa' u 'Rikonoxximent il-Mellieħa – 24/11/2025;
- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 20/12/2025;
- Skeda ta' Pagamenti – 21/11/25 – 20/12/25
- Skeda ta' Petty Cash – 27/10/25 – 01/12/25;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Il-Proġett tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa (S/3/1/1)

5.1.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg xtaq jagħmel referenza għas-silta 5.1.4. tal-minuti tas-seduta preċedenti, u jieħu din l-opportunità sabiex f'isem il-Kunsill jirringrazzja lid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni li għamlu u wettqu x-xogħlijiet tal-fencing madwar il-multi-purpose court. Is-Sur K. Buttigieg qal li x-xogħol tlesta u issa t-tfal jistgħu jagħmlu użu mill-multi purpose court mingħajr periklu.

5.1.3. Is-Sindku G. Micallef qal li huwa rringrazzja personalment lis-Sur Jonathan Mallia – Advisor fl-uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni.

5.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif.

### 5.2.1. Il-Proġett ta' Lampi Ġodda fi Triq il-Kbira, Triq il-Padrun, Triq E. Camilleri u Triq il-Peprin (E/1/3/Vol VI)

5.2.2. Is-Sindku G. Micallef informa lill-membri preżenti li l-Kunsill irċieva imejl datat 9 ta' Diċembru 2025, mingħand il-kuntrattur Micamed Limited dwar il-proġett imsemmi. Huwa qal li f'din l-email, il-kuntrattur infurmah li minħabba rekwiżiti ġodda mitluba minn Transport Malta meta jsiru xogħlijiet fit-toroq u l-bankini, huwa kellu jirrevedi l-ispejjeż u għaldaqstant issottometta kwotazzjonijiet ġodda.

5.2.3. Is-Sindku qal li l-kwotazzjonijiet ġodda li jinkludu l-bdil ta' bankini huma kif jidhru hawn taħt:

Triq Edward Camilleri: Spiża Oriġinali: €28,856.90/Spiża Riveduta: €62,921.14

Triq il-Kbira: Spiża Oriġinali: €235,878.96/Spiża Riveduta: €242,752.60

Triq il-Padrun: Spiża Oriġinali: €26,369.46/Spiża Riveduta: €44,073.00

Triq il-Peprin: Spiża Oriġinali: €28,694.06/Spiża Riveduta: €42,934.89

Żieda ta': €72,882.25c

5.2.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-Kunsill għandu jirrevedi l-applikazzjonijiet tiegħu li ssottometta sabiex jikseb finanzjarjament għal dan il-proġett mid-Development Planning Fund (DPF). Madanakollu, għandu jibqa' kommess li kemm-il darba l-Kunsill din iż-żieda ma tingħatax mid-DPF, il-Kunsill jidħol għaliha hu. Dan a bażi tal-fatt li din l-ispiża ser tmur sabiex jitranġaw bankini, li hija waħda mill-prioritajiet tal-Kunsill.

5.2.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel mal-proposta.

### 5.3.1. Bus Interchange proposta fi Triq Selmun (T/5/1 Vol II)

5.3.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fil-Planning Commission Meeting li sar fit-3 ta' Diċembru 2025, l-Awtorità tal-Ippjanar irrifjutat l-applikazzjoni għall-iżvilupp PA/01788/23 dwar il-proposta ta' Bus Interchange u Landscaping Works għal din ir-raġuni:

> 1 The proposed development runs counter to Thematic Objective 11 of the Strategic Plan for Environment and Development in that the proposal is not considered to facilitate the provision of an efficient public transport service.

5.3.3. Is-Sindku qal li l-Kunsill huwa nfurmat ukoll li din id-deċiżjoni hija marbuta mal-oġġezzjoni li għamlet Transport Malta, li min-naħa tagħha oġġezzjonat għal dawn ir-raġunijiet:

Transport Malta is of the opinion that it is premature to consider this application, as the proposed configuration would require a considerable change in the scheduled public transport network operating in the locality, for which there is currently no commitment.

5.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li l-Kunsill għandu joġġezzjoni din id-deċiżjoni peress li Malta Public Transport minn dejjem kienu favur din il-proposta liema proposta hija waħda mis-soluzzjonijiet biex jittaffa t-traffiku li jgħaddi mit-toroq prinċipali tal-Mellieħa.

## 5.4.1 Xogħol Infrastrutturali minn WSC fi Triq ta' Msid, Triq ir-Ramla tal-Bir, Triq Ramlet il-Qortin, Triq l-Armier iż-Żgħir, Triq it-Torri l-Abjad u Daħlet ix-Xmajjar (W/2/Vol IV)

5.4.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fir-rigward tax-xogħol infrastrutturali msemmi, il-Kunsill ma kienx għadu irċieva aktar informazzjoni.

5.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.5.1 Jum iċ-Ċelebrazzjoni fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa (S/6/Vol IV)

5.5.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva imejl datat 17 ta' Diċembru 2025 mibgħut mill-Kap tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa dwar Jum iċ-Ċelebrazzjoni 2026.

5.5.3. Is-Sindku qal li Jum iċ-Ċelebrazzjoni ser ikun mifrux bejn is-16 u s-26 ta' Marzu 2026 u l-Kunsill intalab jikkollabora f'dan il-jum importanti għall-iskola billi jixtri book vouchers li jingħataw lill-istudenti li jkunu kisbu suċċessi fl-istudji tagħhom.

5.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li fl-ispirtu tal-Artiklu (n) u (p) tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363) il-Kunsill jikkontribwixxi l-ammont ta' €600.

## 5.6.1. Pat Pace Memorial Sports Fest (S/6/Vol IV)

5.6.2. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill irċieva imejl datat 26 ta' Novembru 2025 mingħand Selmun Sports Club dwar Pat Pace Memorial Sports Fest li sar fid-9 ta' Novembru 2025.

5.6.3. Is-Sindku qal li l-Kunsill intalab jikkolabora f'dan l-avveniment u jagħti l-kontribut tiegħi ta' €267 fl-ispirtu tal-Artiklu (n) u (p) tal-Att dwar il-Kunsill Lokali (Kap. 363).

5.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.7.1 Malta Young Sailors Competitions 2025 – 2026 (S/6/Vol IV)

5.7.2. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill irċieva imejl datat 15 ta' Diċembru 2025, mingħand Malta Young Sailors dwar Euromed International Championship & EurILCA Europa Cup.

5.7.3. Huwa qal li l-Kunsill intalab jikkollabora f'dan l-avveniment li qed ifakkar anniversarju importanti din is-sena – dak tal-25 anniversarju u jagħti l-kontribut tiegħu ta' €400 bħalma jagħmel kull sena fl-ispirtu tal-Artiklu () u (p) tal-Att dwar il-Kunsill Lokali (Kap.363).

5.7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.8.1. Ċelebrazzjoni f'Lejlet l-Ewwel tas-Sena (A/5/3/7)

5.8.2. Is-Sindku għarraf li ċ-ċelebrazzjoni ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena li ser issir flimkien mal-Għaqda tan-Nar Marija Bambina, ser tkun tikkonsisti f'live entertainment minn DJ Lokali, Wirja ta' għaxar minuti tal-logħob tan-nar tal-ajru sinkronizzat mal-mużika u armar ta' platform u bar fi Triq Ġnien Ingraw.

5.8.3. Is-Sindku qal li din iċ-ċelebrazzjoni ser tibda fil-11.00pm u tispiċċa fis-1.00am u l-Kunsill irid jieħu ħsieb l-arranġamenti dwar l-għeluq tat-triq.

5.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.9.1. Milied Mellieħi 2025 (A/5/3/6)

5.9.2. Is-Sindku G. Micallef beda billi rringrazzja lill-membri tal-Kunsill u lill-istaff tax-xogħol kollu li kien hemm involut fl-organizazzjoni tal-edizzjoni ta' din is-sena ta' Milied Mellieħi. Huwa xtaq jirringrazzja wkoll lill-għaqdiet lokali kollha li taw is-sapport tagħhom, liċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa għall-kontibut mill-isbaħ kif ukoll lill-artisti u 'l dawk kollha li b'xi mod jew ieħor kienu parteċipi biex l-edizzjoni ta' din is-sena reġgħet kienet suċċess.

5.9.3. Is-Sindku stieden lill-membri preżenti sabiex min jixtieq jista' jgħaddi xi suġġerimenti jew kummenti bil-għan li dan l-avveniment jibqa' jtejjeb il-livell tiegħu.

5.9.4. Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-preżentazzjoni tad-donazzjonijiet li ngħabru b'risq il-Malta Community Chest Fund waqt Milied Mellieħa waqt l-Istina 2026 l-għada tal-Milied fl-4.30pm. Huwa għarraf li ma jistax ikun preżenti minħabba raġunijiet ta' safar iżda stieden lill-membri l-oħra tal-Kunsill jattendu u jippreżentaw id-donazzjoni f'isem il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

5.9.5. Huwa għarraf li s-somma miġbura waqt it-tombla, mill-bejgħ tal-Poinsettias, mill-bejgħ tat-tazzi reusable u mid-donazzjoni tal-Mellieħa Scout Group kienet tammonta għal €4,443. Huwa xtaq jirringrazzja lil kull min ta l-kontribut tiegħu.

5.9.6. Il-Kunsillier J. Cauchi talab li jagħmel żewġ suġġerimenti li saru lilu. L-ewwel suġġeriment kien dwar il-possibiltà li l-ħin tal-performances jinżamm biex ma jkunx hemm dewmien żejjed bejn performance u oħra. It-tieni suġġeriment kien biex ma jkunx hemm bejgħ tal-istess affarijiet fl-istalls.

5.9.7. Is-Sindku G. Micallef qal li peress li l-palk kien limitat minħabba l-ispazju taħt it-tinda, l-armar u ż-żarmar neċessarju bejn performance u oħra kellu jieħu l-ħin. Dan mhux bħal meta jkollok palk kbir li tkun tista' tarma fuq wara tiegħu minn qabel, u ċertu performances isiru fuq quddiem tal-palk mingħajr problemi. Apparti dan, huwa qal li l-Kunsill jipprova jagħti opportunità lil kulħadd u l-programm din is-sena kellu jitqassam fuq jumejn biss.

5.9.8. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li fil-programm kellu jiġi allokat ħin biex isir l-armar u ż-żarmar tal-palk bejn item u oħra. Madanakollu, hija qalet li kulħadd kien pront ta daqqa t'id biex ma jkunx hemm dewmien żejjed. Hija qalet ukoll, li ħafna kienu dawk li qalu li l-programm Bonġu Malta mill-Mellieħa kien suċċess.

5.9.9. Dwar il-bejgħ ta' ikel u ħelu u xorb tradizzjonali mill-istalls, il-Kunsillier E, Bartolo qal li għall-edizzjoni li jmiss issuġġerixxa li ssir lista ta' affarijiet u jitilgħu l-poloz biex ma jkunx hemm duplikazzjoni tal-affarijiet. Madanakollu, huwa qal li din is-sena bibita partikolari kienet qed tinbiegħ minn ġo żewġ stalls.

5.9.l0. Il-Kunsillier E. Bartolo issuġġerixxa li performance bħal dik li taw Spiteri Lucas Band fil-gran finale, għandha ssir qabel possibiliment għall-ħabta tat-8.00pm biex titgawda aktar. Il-Ħadd filgħaxija n-nies sfortunatament titlaq kmieni.

5.9.11. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.10.1. Xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fit-Toroq Prinċipali (W/2/Vol IV)

5.10.2. Dwar ix-xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fit-toroq prinċipali, is-Sindku għarraf li fis-16 ta' Diċembru 2025, huwa flimkien mal-Kunsillier E. Bartolo (is-Segretarju Eżekuttiv kienet preżenti online) attendew laqgħa li saret Transport Malta f'Raħal Ġdid dwar ix-xogħlijiet imsemmija.

5.10.3. Is-Sindku għarraf li l-ewwel fażi tax-xogħlijiet ser tibda nhar it-Tnejn 5 ta' Jannar 2026 minn fejn ir-roundabout tas-Seabank Resort & Spa. Ix-xogħlijiet f'din il-parti tat-triq għandhom idumu madwar ġimgħa u l-aċċess għat-traffiku minn Dawret il-Mellieħa direzzjoni Mellieħa ser ikun magħluq. Għaldaqstant, it-traffiku kollu ġej mill-inħawi taċ-Ċirkewwa u l-Aħrax tal-Mellieħa irid jgħaddi miċ-ċentru tal-Mellieħa. Sabiex jiffaċilità l-proċess, il-parking fi Triq il-Marfa bejn ir-roundabout u l-Luna Holiday Complex ser ikun ipprobit.

5.10.4. Appena jitlestew dawn ix-xogħlijiet, il-Korporazzjoni ser tkompli bix-xogħlijiet fil-parti bejn ir-roundabout u Triq it-Trill. Sakemm ser ikun possibbli t-triq ser titħalla miftuħa għat-traffiku iżda jekk ikun hemm il-ħtieġa din il-parti tat-triq tingħalaq għat-traffiku. Ser jitwaħħlu numru ta' tabelli li għalissa ser ikun mgħottijin biex fl-eventwalità li t-triq tingħalaq, it-traffiku jiġi diverted.

5.10.5. Is-Sindku għarraf ukoll li l-kuntrattur ħa jkollu żewġ timijiet ta' ħaddiema jaħdmu kontra xulxin biex ma jkunx hemm dewmien fit-twettiq tax-xogħlijiet. Huwa qal ukoll li s-servizz tax-shuttle ser ikun ipprovdut mill-bidu biex possibiliment jibda jindara mir-residenti li jagħmlu użu mit-trasport pubbliku.

5.10.6. Is-Sindku kompla billi qal li l-Kunsill ser jieħu ħsieb jikkomunika dan kollu għall-benefiċċju tar-Residenti, sabiex ikunu infurmati minn qabel bl-andament tax-xogħlijiet. Huwa aċċenna għall-inizjattiva tal-WhatsApp Channel tal-Kunsill li nħolqot apposta biex ir-residenti li jkunu membri, jkollhom aċċess għall-informazzjoni dwar dak kollu li jkun qed jiġri fil-komunità.

5.10.7. Il-Kunsilliera C. Castillo staqsiet jekk ittieħditx deċiżjoni dwar ix-xogħlijiet matul ix-xhur tas-sajf ,u s-Sindku kkonferma li mhu ser ikun qed isir l-ebda xogħol matul ix-xhur tas-sajf li ġejjin.

5.10.8. Il-Kunsillier K. Buttigieg issuġġerixxa li peress li mit-toroq prinċipali ħa jgħaddi t-traffiku kollu tiela' mill-Għadira, ikun ideali jekk il-ħwienet f'dawn it-toroq, jagħmlu arranġamenti sabiex id-deliveries tagħhom isiru bejn id-9.00am u l-11.30am biss.

5.10.9. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.11.1. Il-Proġett 'Solidarity Project in the Community' iffinanzjat minn Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea (P/10/41)

5.11.2. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li l-proġett ta' Kunsill 'Solidarity Project in the Community' ġie approvat. Għaldaqstant huwa talab li l-Espressjoni ta' Interess għal Youth Worker, toħroġ malajr kemm jista' jkun, possibilment fl-aħħar ġimgħa ta' Diċembru 2025 jew l-ewwel ġimgħa ta' Jannar 2026. Dan bil-għan li jkun hemm ċans biżżejjed biex wieħed japplika u sussegwentement isiru l-interviews.

5.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.12.1. Żbir ta' Siġar bħala parti mill-Kuntratt tal-Ġonna Pubbliċi (K/6/3/Vol V)

5.12.2. Il-Kunsillier Emvin Bartolo qal li fir-rigward tat-talba sabiex isir żbir tas-siġar fl-S Bend fi Triq il-Marfa, issuġġerixxa li għalissa jista' jsir żbir tas-siġar fil-baxx, peress li l-friegħi tas-siġar qed jimblokkaw il-bankina.

5.12.3. Huwa qal ukoll li jeħtieġ li jsir żbir tas-siġar fi Ġnien il-Qigħan u fi Triq Edward Camilleri peress li hawnhekk ukoll qed jimblukkaw il-bankini.

5.12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.13.1. Ingaġġ ta' Administration Officer II (P/7/1/Vol XVII)

5.13.2. Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet li fil-22 ta' Diċembru 2025, għalqet is-sejħa għall-Administration Officer II fi Skala 10 fost il-Kunsilli Reġjonali u l-Kunsill Lokali.

5.13.3. Hija qalet li l-Kunsill irċieva applikazzjoni waħda li sfortunatament ma kellhiex ir-rekwiżiti mitluba. Għal dan il-għan, il-Kunsill ser jitlob lil Jobsplus il-lista ta' kandidati potenzjali li jistgħu jkunu interessati.

5.13.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.14.1. Jum il-Kunsill 2025 (A/5/3/1/Vol XXIV)**

5.14.2. Is-Sindku G. Micallef beda billi rringrazzja lill-membri u l-istaff tal-Kunsill għall-koperazzjoni u s-sapport waqt l-organizazzjoni u waqt iċ-ċerimonja ta' Jum il-Kunsill ta' din is-sena.

5.14.3. Huwa qal li personalment irċieva ħafna kummenti pożittivi dwar iċ-ċerimonja u xtaq jirringrazzja wkoll lill-mużiċisti u lis-soprano, lit-tekniċi tal-audio u l-management u l-istaff tal-Paradise Bay Resort li ospitaw din is-serata.

5.14.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.15.1. Titjib ta' Triq magħrufa 'Ta' Bejn il-Ġonna' permezz ta' i73.3 Off Farm Investment (Infrastructure Rural Roads) (P/10/42)**

5.15.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet li s-sejħa għall-offerti għalqet fit-2 ta' Diċembru 2025 u kien hemm tliet sottomissjonijiet. Hija qalet li issa jmiss li jibda l-proċess tal-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet msemmija.

5.15.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.16.1. Il-Wasla tas-Slaten Maġi fil-Mellieħa fl-Epifanija (A/5/3/6/Vol IX)**

5.16.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li huwa ġie avviċinat mis-Sindku t'Għajnsielem is-Sur Kevin Cauchi dwar il-wasla tas-Slaten Maġi fil-Mellieħa.

5.16.3. Huwa qal li l-Epifanija ser tiġi ċċelebrata nhar il-Ħadd, 4 ta' Jannar 2026 u s-Slaten Maġi mistennija jaslu f'Misraħ il-Parroċċa għall-ħabta tal-11.30am. Bħas-snin preċedenti, huwa qal li l-Kunsill ser jieħu ħsieb li jkun hemm sistema tal-audio, xi refreshments għall-parteċipanti u l-assistenza tal-Pulizija tal-Komunità.

5.16.4. Il-Kunsillier E. Bartolo issuġġerixxa li għal sena oħra, tkun ħaġa sabiħa jekk fl-attività ninkludu l-parteċipazzjoni tat-tfal. Huwa qal li lit-tfal nistgħu nħeġġuhom jilbsu kostumi ta' personaġġi tradizzjonali marbuta mal-Milied u jitilqu mas-Slaten Maġi mid-Dar Residenzjali Madonna tal-Mellieħa. L-attività tista' tibda qabel sabiex possibiliment is-Slaten Maġi jieħdu sehem waqt il-quddiesa tad-9.30am li ssir apposta għat-tfal.

5.16.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.17.1. Il-Laqgħa Annwali tal-Lokalità u l-Estimi Finanzjarji 2026 (F/1/37)**

5.17.2. Is-Sindku ppropona li l-Laqgħa Annwali tal-Lokalità ssir nhar it-Tlieta, 27 ta' Jannar 2026 fis-6,.00pm u matulha l-Kunsill jippreżenta l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2026.

5.17.3. Huwa qal li fil-preżent qed tiġi ffinalizzata l-ewwel draft tal-Estimi Finanzjarji 2026 li ser tinġieb għall-attenzjoni tal-membri tal-Kunsill hekk kif tiġi ffinalizzata.

5.17.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.18.1. Tiswijiet ta' Bankina fi Triq id-Dħin (D/3/1/Vol XIV)**

5.18.2. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li rċeviet talba mingħand resident li joqgħod fi Triq id-Dħin sabiex possibiliment titranġa l-bankina peress li qed isib diffikultà joħroġ u jdaħħal il-vettura tiegħu fil-garaxx.

5.18.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li ssir talba lid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi.

**5.19.1. Leakage ta' Drenaġġ fi Triq il-Marfa (D/1/Vol III)**

5.19.2. Il-Kunsilliera C. Castillo xtaqet tressaq rapport li xi residenti osservaw leakage ta' drenaġġ fi Triq il-Marfa kantuniera ma' Triq l-Erwieħ.

5.19.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li jagħmel rapport mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

**5.20.1. Talba għall-Fanal Ornamentali Ġdid fi Triq Salvinu Vella (E/1/3/Vol VI)**

5.20.2. Il-Kunsilliera C. Castillo għarrfet li rċeviet talba sabiex jitwaħħal fanal ornamentali fi Triq Salvinu Vella kantuniera ma' Triq San Pawl peress li f'din il-kantuniera hemm nuqqas ta' dawl.

5.20.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li appena l-kuntrattur jaslulu l-fanali ornamentali, jitwaħħal wieħed kif propost.

**5.21.1. Talba għal Mera ġdida fi Triq Għajn Tuffieħa (T/3/2/Vol XIX)**

5.21.2. Il-Kunsilliera C. Castillo għarrfet li rċeviet talba sabiex titwaħħal mera ġdida fi Triq Għajn Tuffieħa faċċata ta' Triq il-Wilġa.

5.21.3. Il-Kunsill innota t-talba li saret.

**5.22.1. Cancer Research and Innovation Hub fil-Mellieħa (M/8/Vol VII)**

5.22.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-Cancer Research and Innovation Hub qed jistiednu lill-Kunsilli Lokali jibbukkjaw, sabiex il-mobile unit tagħhom tiġi fil-lokalità u tagħmel testijiet tal-iscreening b'xejn.

5.22.3. Hija qalet li wara kuntatt li sar mal-Cancer Research and Innovation Hub, il-mobile unit ser tkun il-Mellieħa f'Jannar 2026 u bħala post l-aktar adegwat huwa fi Triq Selmun viċin il-Park tal-Familja.

5.22.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.23.1. Is-Sistema tal-Permessi li jsiru Online (www.localpermits.gov.mt) (I/1/3/Vol VII)**

5.23.2. Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet li waqt l-aħħar sessjoni ta' taħriġ għas-Segretarji Eżekuttivi, id-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali ħabbar li mis-sena 2026, id-Diviżjoni mhux ser tibqa' tamministra hi s-sistema tal-permessi li jsiru online. Dan ifisser li mis-sena 2026, il-Kunsilli Lokali jridu jiddeċiedu huma jekk għandhomx ikomplu jużaw s-sistema attwali jew inkella jbiddluha.

5.23.3. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-Kunsill tal-Mellieħa kien mill-ewwel Kunsilli Lokali li beda juża s-sistema attwali. Għaldaqstant, fis-sistema, sal-lum irreġistraw aktar minn 9,000 persuna fiha sabiex ikunu jistgħu japplikaw għall-permessi online. Barra minn hekk, matul dawn is-snin, il-Kunsill bena u adatta din is-sistema skont il-ħtiġijiet tiegħu u hija sistema li ndrat.

5.23.4. Sabiex il-Kunsill iżomm is-sistema attwali, hemm spiża annwali ta' €4,130 (VAT inkluża), liema spiża ser tiġi rimbursata mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Hija kkonfermat ukoll li sar kuntatt mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali li għar-raġunijiet imsemmija ma sabu l-ebda oġġezzjoni li l-Kunsill iżomm is-sistema li għandu.

5.23.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li mhux vijabbli li l-Kunsill ibiddel sistema li taħdem, li hija adattata għall-ħtiġijiet tal-Kunsill u tal-lokalità u li ndrat sewwa minn dawk li jużawha regolarment. Għaldaqstant, għandha tinżamm is-sistema eżistenti.

## 5.24.1. Bżonn ta' Scarifying ta' Toroq (T/4/4/Vol II)

5.24.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għamel referenza għas-silta 5.2.1 tal-minuti tas-seduta preċedenti u reġa' ġibed l-attenzjoni għall-ħtieġa urġenti li jsir scarifying tat-toroq peress li dawn qed ikunu perikolużi ħafna għas-sewwieqa.

5.24.3. Is-Sindku G. Micallef wieġeb li biex ma jkunx hemm dewmien u x-xogħlijiet ikunu jistgħu jsiru mill-aktar fis possibbli, il-Kunsill jista' jitlob permess lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali biex ix-xogħlijiet jingħataw b'direct order. Huwa fakkar li biex isiru t-toroq kollha hemm spiża li it-€28,000 u għaldaqstant irid jinkiseb permess mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali skont proċeduri stabbiliti.

5.24.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u fid-dawl li jeżisti periklu għas-sewwieqa, il-Kunsill qabel li s-Segretarju Eżekuttiv jitlob permess biex possibiliment dawn ix-xogħlijiet isiru permezz ta' Direct Order.

## 6.1.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera L. Darmanin, li tgħid:

"Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-23 ta' Awwissu 1999, twaqqfu l-onorefiċenzi ta' "Ġieħ il-Mellieħa" u "Rikonoxximent il-Mellieħa" sabiex jingħataw lil dawk il-persuni jew organizzazzjonijiet li jkunu iddistingwew ruħhom b'eċċellenza f'xi qasam li permezz tagħhom ikunu ta' eżempju għal ħaddieħor, jew għollew l-isem tal-lokalita`;

Billi tressqu diversi nominazzjonijiet li saru skont il-kriterji stabbiliti, illi baqgħu eliġibbli minn snin preċedenti u oħrajn li daħlu wara s-sejħa li għalqet fl-14 ta' Novembru 2025, liema nominazzjonijiet ġew evalwati mill-Bord ta' Rakkomandazzjoni, skond ir-rapport tal-istess Bord tal-24 ta' Novembru 2025, liema rapport ġie diskuss waqt is-seduta tal-Kunsill li saret fis-26 ta' Novembru 2025;

Billi l-kriterji dwar in-numru ta' onorefiċenzi jistabilixxu li l-unur tal-"Ġieħ" għandu jingħata lil mhux iktar minn persuna / organizzazzjoni waħda", filwaqt li l-unur tar-"Rikonoxximent" jista' jingħata lil mhux iktar minn tliet persuni u/jew organizzazzjonijiet;

Iżda billi l-kriterji jipprovdu wkoll li ex-Sindku u ex-Kunsillier li serva f'żewġ kunsilli huma eliġibbli għall-unur Ġieħ il-Mellieħa, kif ukoll li kunsillier li serva f'kunsill wieħed jikkwalifika għal "Rikonoxximent il-Mellieħa" li iżda din id-darba ma kienx hemm persuni li jikkwalifikaw;

Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2015 il-Kunsill iddeċieda li għandu jingħata għarfien uffiċjali wieħed għal xi kontribut partikulari, permezz ta' l-unur "Apprezzament il-Mellieħa";

Il-Kunsill jirriżolvi li l-onorefiċenza "Ġieħ il-Mellieħa" għandha tingħata lil:

- Is-Sur Philip Vella – Kontribut indeskrivibbli fil-Qasam Mużikali;

filwaqt illi l-persuni li ġejjin għandhom jingħataw l-unur "Rikonoxximent il-Mellieħa":

- Is-Sur Paul Mifsud – Volontarjat fi ħdan għaqda mużikali;
- Is-Sur Jeffrey Sammut – Volontarjat fil-qasam letterarju;
- Is-Sinjura Joyce Vella Dean – Volontarjat fi ħdan għaqda sportiva

Il-Kunsill jirriżolvi wkoll li għandu jingħata l-unur "Apprezzament il-Mellieħa":

- Dun Peter Paul Sultana –. Amministrattur tal-Parroċċa ta' San Ġużepp, il-Manikata

Il-Kunsill jirriżolvi li jirratifika l-qbil unanimu li kien hemm fis-Seduta tas-26 ta' Novembru 2025, li kienet segwita bil-preżentazzjoni tal-unuri, li saret waqt ċ-ċerimonja tal-Ħamis, 11 ta' Diċembru 2025, fil-lukanda Paradise Bay Hotel, iċ-Ċirkewwa.". (A/5/3/1/Vol XVII)

Il-mozzjoni ġiet sekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg.

### 7.1.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

7.1.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Akkwist ta' Servizzi u Materjal datata 20 ta' Diċembru 2025.

7.1.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn il-21 ta' Novembru 2025 u l-20 ta' Diċembru 2025.

7.1.4. Tressqet ukoll l-iskeda tal-Petty Cash li tkopri bejn it-28 ta' Ottubru 2025 u l-1 ta' Diċembru 2025.

7.1.5. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha mressqa, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://melliehalc.gov.mt/skeda-ta-hlasijiet/

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri kollha s-seduta spiċċat fil-5.30pm, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 29 ta' Jannar 2026 fil-5.30pm. Is-Sindku xtaq jirringrazzja lill-membri kollha u l-istaff kollu tal-Kunsill għall-ħidma mwettqa matul din is-sena. Huwa xtaq jawgura l-isbaħ xewqat f'dawn il-festi tal-Milied lil kulħadd.

Gabriel Micallef
**Sindku**

Marica Gambin
**Segretarju Eżekuttiv**